MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 81/7

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Demelsa Grech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku

ASSENTI

NIL

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

81.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (79/7 [20/01/17], 80/7 [23/01/2017]);

81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

81.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

81.5 Rapporti;

81.6 Financial Statements – sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016;

81.7 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa pubblika li saret fl-20 ta' Jannar 2017;

81.8 Proġett ta' *embellishment* u pavimentar f'parti ta' Triq iż-Żebbuġa bejn Triq San Mark u Triq il-Kbira, il-Gudja;

81.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

81.10 Affarijiet oħra;

81.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

-----------------------------------------------------------

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.36pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 81.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

81.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi s-Sur Baldacchino bagħat apoloġija li ma kienx jista' jattendi peress li kien ma jiflaħx. Il-Kunsill irċieva wkoll ċertifikat tat-tabib dwar dan.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li s-Sur Baldacchino għandu jiġi skużat għal kull effett ta' attendenza u skont l-ispirtu u kontenut tad-direttiva numru 06/2017 tad-DLG dwar l-*allowance* tal-kunsillieri.

## 81.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (79/7 [20/01/17], 80/7 [23/01/2017])

81.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

## 81.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

81.3.1 Ġbir ta' skart domestiku mill-kuntrattur Bryden Azzopardi b'effett mill-01 ta' Marzu 2017. Is-Sindku qal li wara l-għażla tal-offerti, u wara li l-Kunsill ħa l-konsiderazzjonijiet kollha, il-Kunsill iffirma l-kuntratt. Il-Kuntrattur sejjer jibda fl-01 ta' Marzu 2017. Il-ġbir sejjer issir kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, u sejjer ikun hemm 9 skips. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ċirkulari għand ir-residenti kollha u din iċ-ċirkulari t'avvża li l-boroż għandhom jinħarġu bejn

is-6.30am u t-8.00am u tinġibed l-attenzjoni li l-*Green Wardens* qed ikunu preżenti sabiex jiġi assigurat li ma jkunx hemm abbuż u tinżamm l-ordni u l-indafa.

81.3.2 Xogħol ta' aċċessibilità fil-bini amministrattiv 88 Triq R. Caruana, il-Gudja. Is-Sindku qal li l-Perit Joseph Spiteri kien bagħat l-istimi sabiex dan il-post isir aċċessibbli kif meħtieġ. Kopja ta' dawn l-istimi ntbagħtu għand il-Kunsillieri kollha. Is-somma tlaħħaq il-figura ta' €46,900.00.

Saret diskussjoni dwar il-vijabilità ta' din in-nefqa bħala investiment fl-infrastruttura speċjalment meta l-Kunsill ma kienx jinsab ċert dwar it-titolu tiegħu u ż-żmien legalment possibbli li jkompli jopera minn dan il-post.

Il-Kunsill qabel li jitlob l-parir u l-għajnuna kemm finanzjarja u ħtiġijiet oħra sabiex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi bl-aktar mod għaqli u vijabbli fl-aħjar interess tal-komunità u tal-Kunsill skont il-proċeduri finanzjarji dwar il-Kunsilli Lokali.

81.3.3 Devoluzzjoni ta' sit fuq in-naħa tal-ġenb tal-bitħa tal-iskola primarja fi Triq San Mark kantuniera ma' Triq iż-Żebbuġa, fil-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill kompla jipproċedi bl-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' dan is-sit. Peress illi l-Kunsill ma jixtieqx li jidħol fi spejjeż qabel ma jkun ċert li dan is-sit ikun jista' jiġi devolut għand il-Kunsill sabiex isir bini amministrattiv għall-Kunsill li joffri kull faċilità u aċċess liberu u faċli għal kulħadd, il-Kunsill iħoss li għandu jikseb l-għajnuna professjonali tal-Perit Giovanni Farrugia, konsulent mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li jkompli jipproċedi b'din l-applikazzjoni mingħajr ma jidħol fi spejjeż bla ħtieġa.

81.3.4 Xogħol ta' aċċess qrib il-ġibjun fl-inħawi ta' Wied Ġarnaw. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw madwar 3 jardi konkos fil-biċċa tal-ġibjun. Is-Sur Caruana qal li meta wieħed imiss l-ambjent rurali hemm ħtieġa li dan isir fuq parir professjonali dwar materjal li għandu jintuża u dwar kif isir dan ix-xogħol.

Is-Sur Caruana qal li jekk fil-passat xogħol simili kien qed isir bla ebda konsiderazzjoni, dan kien ħażin u ma għandux ikompli jsir hekk. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jirċievi l-pariri professjonali qabel jipproċedi dwar dan ix-xogħol u xogħlijiet simili.

Is-Sindku qal li dan ix-xogħol dwar xiri ta' 3 jardi konkos huwa meħtieġ għal xogħol b'urġenza u l-Kunsill ma jistax li f'sitwazzjoni bħal din ma jagħmel xejn. Is-Sur Caruana qal li kważi f'kull laqgħa dejjem ikun hemm xi xiri tal-konkos u għalhekk hemm ħtieġa ta' pjan fit-tul dwar dawn ix-xogħlijiet.

Sa Grech qalet li dan ix-xogħol għandu jiġi konsiderata kemm fuq ħtiġijiet *short term* kif ukoll *long term*. Is-Sindku qal li l-materjal tal-konkos jiġi orħos.

Is-Sur Caruana qal li l-konkos huwa materjal li ma jħallix li l-ilma jiskula minnu u b'hekk joħloq għargħar u ħsara minn fejn ikun għadda speċjalment meta jinħoloq wied wara ftit xita qawwija.

Is-Sindku qal li fil-preżent f'dawn l-inħawi hemm ħofor fondi u bil-konkos biss jistgħu jissewwew.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda li fiċ-ċirkustanzi preżenti jinxtraw 3 jardi konkos iżda għal futur il-Kunsill għandu jkollu l-pariri professjonali dwar kif jiġu tratti toroq u trejqiet

mhux urbani. Dan għandu jsir sabiex il-Kunsill jassigura li l-ambjent rurali jiġi mħares.

81.3.5 Ktieb 'Il-Gudja Għeruq Tfuliti'. Attività nhar id-09 ta' Marzu 2017 fl-10.00am. fil-*gazebo* fi Ġnien R. Caruana. Sa Grech qalet li se jkun hemm introduzzjoni żgħira u jitkellem ftit l-awtur is-Sur Loreto J. Dalli. F'din l-okkażjoni jiġi mistieden is-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo li jippatroċinja l-okkażjoni u l-Onor David Agius, jiġu mistiedna r-rappreżentanti tal-MIA bħala kosponsor. Jiġu mistiedna l-press. Il-pubbliku huwa mistieden ukoll.

Il-Kunsill qabel li dan il-ktieb jiġi mqassam permezz ta' donazzjoni ta' €5.00 u jekk u meta dan jiġi mqassam minn distributuri oħra dan ikunu jistgħu jżommu €1.00 għal kull ktieb.

81.3.6 Periklu dwar żebra *crossing* fi Vjal it-Torri. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għamel ħafna rappreżentazzjonijiet mat-TM iżda jidher li dawn għandhom ukoll xi diffikultajiet sabiex iwettqu dak meħtieġ. Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2017 hemm skedata laqgħa mat-TM fuq il-post dwar dan sabiex il-Kunsill jerġa' juri l-ħtieġa u l-importanza li jsir dawl mit-TM kif meħtieġ. Is-Sur Caruana qal li sakemm isir xogħol mit-TM il-Kunsill għandu jagħmel xi dawl anke jekk temporanju. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur Nexos dwar li jsir dan ix-xogħol b'urġenza anke jekk fuq bażi temporanja. Is-Sur Caruana rrefera wkoll għat-*Traffic lights* li hemm f'Dawret il-Gudja peress illi d-dawl tagħhom jidher li huwa baxx, speċjalment meta il-viżibilità ma tkunx qed tgħin speċjalment meta jkun iċ-ċpar jew ix-xita.

## 81.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

81.4.1 Xogħol fi Triq iż-Żebbuġa fejn is-sala tal-Knisja biswit il-knisja għall-pjazza. Is-Sur Caruana qal li din il-parti tat-triq tinsab fi stat ħażin ħafna u hemm ħtieġa li jsir xogħol sewwa mhux sempliċiment ftit qatran. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien diġà talab laqgħa mal-Perit sabiex jinkisbu wkoll *samples* sabiex ix-xogħol ikun jikkomplimenta l-ambjent. Il-Kunsill qabel li dan il-proġett isir bl-aktar mod professjonali għaliex din il-qalba tar-raħal għandha tiġi preservata sewwa.

81.4.2 L-użu ta' skips. Sa Grech qalet li mhux ċar jekk nies mhux residenti jistgħux jiġu jarmu fi skips fil-Gudja. Is-Sindku wieġeb li dawn l-iskips huma għal użu tar-residenti tal-Gudja għaliex ir-rimi huwa bl-użin u skont ir-residenti. Is-Sindku qal li fil-preżent qed ikun hemm il-*Green Wardens* sabiex jiġi assigurat li ma jkunx hemm abbuż u li jkun hawn l-indafa ġewwa l-Gudja.

81.4.3 Dawl fit-tarf ta' Triq Mons. Pawlu Mallia. Is-Sur Sammut qal li f'dawn l-inħawi hemm id-dlam. Is-Sur Sammut staqsa dwar x'sar dwar l-bozza li l-Kunsill kien talab sa żmien ilu. Is-Sindku wieġeb li l-Enemalta kienet resqet xi diffikultajiet peress li kellha tiftaħ wiċċ tat-triq ġdida u dan ma kienx fl-interess tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur Nexos għal parir li jsir arblu u li jinkiseb id-dawl mingħajr ma jinfetaħ il-wiċċ tat-triq.

81.4.4 Katusa fuq il-faċċata ta' proprjetà fil-bidu ta' Triq Sta Katarina. Is-Sur Sammut staqsa x'sar dwar it-tneħħija ta' din il-katusa li hija ta' periklu u qed tkerrah l-ambjent. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur/sid tal-post qabel li jneħħi din il-katusa.

81.4.5 Sistema ta' traffiku aħjar fi Triq Joseph Pace u fl-inħawi tal-madwar. Is-Sur Sammut staqsa dwar x'sar dwar dan. Is-Sindku wieġeb li nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2017 sejra ssir laqgħa mad-diriġenti tat-TM sabiex tiġi studjata fuq il-post l-aħjar sistema sabiex it-traffiku jimxi aħjar u jonqos il-periklu.

## 81.5.0 Rapporti

81.5.1 Ambaxxatriċi Sara Camilleri

a. Sa Camilleri qalet li nhar is-Sibt 11 ta' Frar 2017 il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ għall-Gudja żaru madwar 35 persuna anzjana (età 'l fuq minn 75 sena) li tgħix waħdiha/waħdu ġewwa l-Gudja. F'din iż-żjara il-pakkett li tqassam kien jinkludi tuffieħa, larinġa u *croissant* li ġew sponsorjati mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din l-inizjattiva turi li l-Kunsill għandu għal qalbu l-interess tal-anzjani speċjalment dawk li qed jgħixu waħdihom. Inizjattivi bħal dawn għandhom ikomplu għaliex b'hekk il-Kunsill jista' jgħin li jinsab qrib in-nies.

b. *Night hike*. Sa Camilleri qalet li l-attività li jmiss sejra tkun dik ta' *night hike* maħsub li jsir jew għas-17 jew inkella għat-30 ta' Marzu 2017. Il-Kunsill awgura kull suċċess dwar din l-attività u li jkun hemm l-ħarsien u sigurtà kollha meħtieġa waqt din l-attività.

## 81.6.0 *Financial Statements* – sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016

81.6.1 Kopja ta' dawn ir-rapporti finanzjarji ngħataw lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa. Il-kontenut ġie diskuss u spjegat kif kien mitlub. Dawn ir-rapporti finanzjarji ġew approvat nem con. Il-Kunsill qabel li jiġu ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u jiġu ppreżentati skont il-proċeduri stabbiliti.

## 81.7.0 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa pubblika li saret fl-20 ta' Jannar 2017

81.7.1 Dawn il-minuti ġew preżentati u approvati waqt din il-laqgħa.

81.7.2 Punti li ġew imqajma:

a. Il-Kunsill ikkonsidra li għandu jkun hemm aktar ordni u ħarsien tas-sigurtà ħdejn l-iskola St. Joan Antida fil-ħin tad-dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola u għas-sorijiet li jgħixu f'dan il-kunvent. Il-Kunsill qabel li ssir rappreżentazzjoni dwar dan mad-diriġenti tat-TM kif ukoll mal-LESA sabiex jiġi mwettaq dak meħtieġ.

## 81.8.0 Proġett ta' *embellishment* u pavimentar f'parti ta' Triq iż-Żebbuġa bejn Triq San Mark u Triq il-Kbira, il-Gudja

81.8.1 Dan il-proġett jinsab fi stadju li jinkisbu l-pariri tal-Perit u l-materjal li jista' jintuża. Ir-rapporti tal-Perit dwar stimi u materjal għandhom jiġu ppreżentati quddiem il-Kunsill qabel tittieħed xi deċiżjoni finali.

## 81.9.0 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

81.9.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 40/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Kunsillier Mark Anthony Sammut għall-ammont totali ta' €15,576.79. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 81.10.0 Affarijiet oħra

81.10.1 Dawl fi Triq iż-Żebbuġa kantuniera ma' Triq Ħal Resqun. Il-Kunsill qabel li jibdew il-proċeduri sabiex isir dak meħtieġ.

81.10.2 *Bollard* ħdejn il-knisja. Il-Kunsill qabel li tinxtara din il-*bollard* li tkun taqbel ma' dawk eżistenti.

81.10.3 *Sensor/CCTV* fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jiġi studjat dak meħtieġ.

81.10.4 Skema ta' *residential parking*. Il-Kunsill qabel li jkompli jinsisti mal-awtoritajiet kompetenti sabiex ikollu risposta pożittiva sabiex fil-Gudja jkun hemm skeda ta' *residential parking* approvati uffiċjalment kif hemm fl-inħawi u bliet oħra f'Malta u f'Għawdex.

Il-Kunsill fakkar li fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill kien stabbilixxa li hija x-xewqa tal-Kunsill li din l-approvazzjoni għandha tingħata sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2017.

## 81.11.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

81.11.1 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.35pm filwaqt li aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2017 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |